FGURA

Minuti tal-laqgħa 65 tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum l-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-18:30.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Is-Sur Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A. DeGiovanni 18:45 |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur C. Bonello<br>Is-Sur S. Camilleri<br>Is-Sra R. Cutajar<br>Is-Sur P. Dalli<br>Is-Sur A. Debono<br>Is-Sur M. Lombardo 18:45 |
| **Segretarju:** | Is-Sur C. Cutajar |

Chev. D Marmara' KLJ ma kienx preżenti għal din il-laqgħa.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 Minuti

1.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3206/11/6 "Sabiex jiġu approvati l-minuti datati 4 Novembru 2011." Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur C Bonello

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3206/11/6 kienet approvata b'erba' voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

1.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3207/11/6 "Sabiex jiġu approvati l-minuti datati 8 Novembru 2011." Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

MAYOR, VICEMAYOR, COUNCILLORS & SECT

Favur – Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur C Bonello

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3207/11/6 kienet approvata b'erba' voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

1.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3208/11/6 "Sabiex jiġu approvati l-minuti datati 15 Novembru 2011 hekk kif emendati". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Sra R Cutajar, Sur P Dalli, Sur A Debono, Sur C Bonello
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur S Camilleri

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3208/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

**2.0 <u>Korrispondenza</u>**

2.01 Ma kienx hemm korrispondenza.

**3.0 <u>Purchase Request Forms</u>**

3.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3209/11/6 "Sabiex jiġu approvati l-PRFPO annessi" (ara 'DOK A'). Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur C Bonello, Sur M Lombardo

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3209/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u tliet astenzjonijiet.

## 4.0 Ħlasijiet

4.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3210/11/6 "Sabiex jiġu approvati l-lista ta' ħlasijiet annessa" (ara 'DOK B'). Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

4.01.1 Is-Sur C Bonello talab ruling fejn staqsa lis-Sindku jekk is-sistema li qed tintuża mill-Kunsill meta jinxtara servizz jew kwalunkwe' ħwejjeġ oħra hix sistema tajba. Is-Sindku ta ruling fejn wieġeb li l-Kunsill qed jimxi skont ir-regolamenti finanzjarji li jirregolaw lill-Kunsilli Lokali.

4.01.2 Is-Sur M Lombardo talab ruling u staqsa jekk il-Kunsill hux qed jimxi skont il-liġi rigward il-ħlasijiet. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill qed jimxi skont il-liġi.

4.01.3 Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli
Kontra – Sur A Debono, Sur C Bonello, Sur M Lombardo
Astenzjonijiet – Ħadd

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3210/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, tliet voti kontra u l-ebda astenzjoni.

4.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3211/11/6 "Sabiex jiġu approvati l-lista ta' ħlasijiet annessa" (ara 'DOK C'). Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli
Kontra – Sur A Debono, Sur C Bonello, Sur M Lombardo
Astenzjonijiet – Ħadd

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3211/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, tliet voti kontra u l-ebda astenzjoni.

## 5.0 Memos

5.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3212/11/6 "Sabiex skont memo 119 il-Kunsill ma jkunx miftuħ fl-24 u l-31 ta' Diċembru, 2011". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3212/11/6 kienet approvata unanimament.

## 6.0 Tenders

6.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3213/11/6 "Sabiex jiġi estiż SS-17-10 b'sena". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur C Bonello, Sur M Lombardo

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3213/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u tliet astenzjonijiet.

6.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3214/11/6 "Sabiex jinħareġ tender ta' *periodic contract* għal xogħol ta' toroq għal perjodu ta' sena li jiġġedded għal sena b'sena għal 3 snin li jinkludi bankini u resurfacing ta' toroq". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur C Bonello, Sur M Lombardo

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3214/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u tliet astenzjonijiet.

## 7.0 Proġetti, Toroq u Xogħolijiet Infrastrutturali

7.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3215/11/6 "Sabiex isir patching: - Triq is-Sur bejn Hompesch u Merħba, fejn għaddew it-trinek. - Triq il-Falkunier quddiem dar no. 53 - Triq Merħba quddiem dar no. 40 u 49 - Triq L Schickluna quddiem dar no. 26". Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur C Bonello, Sur M Lombardo

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3215/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u tliet astenzjonijiet.

7.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3216/11/6 "Programm ta' manutenzjoni fil-binjiet tal-Gvern. Sabiex ix-xogħol fil-Government Blocks isiru b'din l-ordni bl-ewwel għaxra jsiru fis-sena 2012. Il-bqija jsiru fis-snin sussegwenti. - HE ta' Triq A.M. Cumbo - HE ta' Triq l-14 ta' Diċembru 1945 - Triq Mater Boni Consilii Block A1, A2, A3, A4 - Triq Mahatma Gandhi Blk A5, C4, C6 - Triq Summiena C5. Block B4 u B5 jservu bħala riżerva għas-sena 2012, jekk ikun hemm xi government block li jiġi rifjutat mill-Housing jew mill-inkwilini." Din kienet sekondata mis-Sur S Camilleri. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3216/11/6 kienet approvata unanimament.

## 8.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3217/11/6 "Sabiex issir lampa ġdida fi Triq Liedna bejn Triq l-Għollieq u Triq San Tumas skont l-ilment anness". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3217/11/6 kienet approvata unanimament.

8.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3218/11/6 "Rigward il-petition sabiex jitneħħew siġar fi Triq il-Bieb. Il-Kunsill jinnota li dawn is-siġar huma protetti bil-liġi u minnflok jiddeċiedi li jiżborhom". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3218/11/6 kienet approvata unanimament.

8.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3219/11/6 "Sabiex isir riklam fil-Kalendarju tal-Għaqda Mużikali u Socjali Madonna tal-Karmnu". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku.

8.03.1 Is-Sur C Bonello ressaq addenda għall-mozzjoni ref: 3219/11/6 "u f'dan ir-reklam ikun inkluż informazzjoni dwar xi wieħed mis-servizzi tal-Kunsill". Din l-addenda ġiet sekondata mis-Sur A Debono. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3219/11/6 kienet approvata unanimament.

8.04 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3220/11/6 "Sabiex jinxtraw żewġ bnadar - Fgura -Malta għal mhux aktar minn 300 ewro.". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3220/11/6 ġiet approvata unanimament.

## 9.0 Rapporti Kumitati / Sotto Kumitati

9.01 Is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 3221/11/6 "Sabiex il-Kunsill jibgħat dan l-ilment lil Transport Malta biex jiġi approvat". Din kienet sekondata mis-Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3221/11/6 kienet approvata unanimament.

## 10.0 Performance Appraisals

10.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3222/11/6 "Sabiex dawn il-persuni li ġejjin jingħataw performance bonus in full: - Cynthia Grech Plumpton - Anna Marie Curmi - Mary Rose Bilocca - Ritianne Bonnici". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3222/11/6 kienet approvata unanimament.

10.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3223/11/6 "Sabiex dawn il-persuni li ġejjin jingħataw performance bonus in full: - Philip Massa - Joseph Caruana". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur C Bonello, Sur M Lombardo

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3223/11/6 kienet approvata b'ħames voti favur, l-ebda vot kontra u tliet astenzjonijiet.

10.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3224/11/6 "Sabiex is-Segretarju Eżekuttiv jingħata performance bonus in full". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli, Sur M Lombardo
Kontra – Ħadd
Astenzjonijiet – Sur A Debono, Sur C Bonello

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3224/11/6 kienet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

## 11.0 Policy tal-Kunsill Rigward il-Ħruġ ta' Permessi

11.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3225/11/6 "Sabiex il-policy tal-Kunsill fir-rigward ta' permessi ta' xogħlijiet li jinħarġu fit-toroq Żabbar, Hompesch u San Tumas, tkun kif ġej: Is-servizz ta' warden għandu jiġi mitlub biss meta x-xogħol li għalih jintalab permess, ikun ser ikun ta' ostaklu jew periklu. F'każ li ma jkunx hemm ostaklu għat-traffiku, għandu jinħareġ permess mill-Kunsill Lokali tal-Fgura mingħajr ma jintalab il-bżonn ta' warden. Dan qed isir sabiex neliminaw burokrazija u spejjeż żejda għar-residenti tal-Fgura. Sakemm il-makkinarju jibqa' fil-parking bay ikun meqjus li ma jostakolax traffiku. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiġu mniżżla fil-permess." Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3225/11/6 kienet approvata unanimament.

## 12.0 Rapport ta' Ħidma mill-Kunsilliera

12.01 Is-Sur P Dalli qara ittra li l-Kunsill irċieva mill-Vittoriosa Lawn Tennis Club. Kien hemm ftehim ġenerali li din l-opportunita' għat-tfal tal-Fgura għandha tkun reklamata fuq in-notice boards tal-Kunsill. Għandha tintbagħat ukoll ittra lill-Kapijiet tal-iSkola Primarja, lill-Kappillan u lill-għaqdiet tal-MUSEUM sabiex jgħinu fil-proċess tal-għażla.

## 13.0 Mozzjonijiet

13.01 Il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni ref: 3205/11/6 "Billi jidher li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali għadu ma jirrikonoxxix l-użu tat-teknologija moderna fil-kuntest tad-doveri tal-Kunsilliera tal-Fgura, filwaqt li dan il-Kunsill jerġa' jikkonferma l-bżonn li jutilizza bl-aħjar mod ir-riżorsa tal-ilma maħżun fit-tliet reservoirs fil-Fgura bil-għan li jagħti l-kontribut tiegħu għall-management aħjar tal-ilma kif ukoll isegwi l-pjan tas-SEAP fil-patt tas-Sindki għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$, sakemm jasal biex jagħmel dan jagħti struzzjonijiet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jissiġilla u jagħlaq b'katnazzi l-aċċess għal dawn ir-reservoirs." Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur S Camilleri, Sra R Cutajar, Sur P Dalli
Kontra – Sur M Lombardo
Astenzjonijiet – Sur C Bonello, Sur A Debono

Mozzjoni ref: 3205/11/6 ġiet approvata b'ħames voti favur, vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

## 14.0 Mistoqsijiet

14.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 15.0 Aġġornament

15.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 17 ta' Jannar, 2012 fis-18:30.

Il-laqgħa ntemmet fit-20:00.

Sindku

Segretarju